



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' April 2021
(OR. en)

7401/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0056 (NLE)

PECHE 105
UK 104
N 40

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/91 u
 (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-
 ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk mhux tal-Unjoni

REGOLAMENT TAL-KUNSILL(UE) 2021/...

ta'...

**li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/91 u (UE) 2021/92
fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2021
fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk mhux tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE)¹ jistabbilixxi, għas-snin 2021 u 2022, l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92² jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.
- (2) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra³ ('il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni') japplika proviżorjament mill-1 ta' Jannar 2021.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/91 tat-28 ta' Jannar 2021 li jiffissa, għas-snin 2021 u 2022, l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 20–30).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31 29.1.2021, p. 31).

³ ĠU L 444, 31.12.2020, p. 14.

- (3) L-opportunitajiet tas-sajd fir-Regolamenti (UE) 2021/91 u (UE) 2021/92 għall-istokkijiet kondiviżi ma' ċerti pajjiżi terzi huma proviżorji u f'termini kwantitattivi limitati għal riportament ta' tliet xhur abbażi tar-Regolament tal-Kunsill 2020/123¹ u (UE) 2018/2025². F'għadd limitat ħafna ta' każijiet, intużat metodoloġija differenti għall-istokkijiet li jinqabdu b'mod predominanti fil-bidu tas-sena jew meta l-parir xjentifiku jkun jeħtieġ tnaqqis kbir fl-opportunitajiet tas-sajd.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 499(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-qabdiet totali permissibbli (TACs) proviżorji għandhom l-għan li jiżguraw il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd sostenibbli tal-Unjoni sakemm il-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit skont l-Artikolu Fish.498 ta' dak il-Ftehim jiġu konklużi u implimentati fl-ordni legali tal-Unjoni. Dawn ġew stabbiliti f'livelli konsistenti ma' dak li huwa permess skont l-Artikolu 499 ta' dak il-Ftehim.
- (5) Il-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit għadhom għaddejjin. Għalhekk, ir-Regolamenti (UE) 2021/91 u (UE) 2021/92 jeħtieġ li jiġu emendati sabiex jiġu estiżi t-TACs unilaterali proviżorji tal-Unjoni sabiex tinholq ċertezza legali għall-operaturi tal-Unjoni u biex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd sostenibbli sakemm jiġu konklużi dawk il-konsultazzjonijiet f'konformità mal-qafas legali tal-Unjoni u mal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2025 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2019 u għall-2020 (ĠU L 325, 20.12.2008, p. 7).

- (6) Dan l-approċ huwa bbażat fuq l-Artikolu 499(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, li jipprevedi li jekk stokk elenkat fl-Anness 35 għal dak il-Ftehim jew fit-Tabelli A u B tal-Anness 36 għal dak il-Ftehim jibqa' mingħajr TAC miftiehem, kull Parti għandha tistabbilixxi TAC proviżorja li tikkorrispondi għal-livell irrakkomandat mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), li japplika mill-1 ta' Jannar. Skont l-Artikolu 499(3) sa (5) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, u b'deroga mill-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu, it-TACs għal stokkijiet speċjali għandhom jiġu stabbiliti skont il-linji gwida li għandhom jiġu adottati mill-Kumitat Speċjalizzat għas-Sajd sal-1 ta' Lulju 2021.
- (7) Għaldaqstant, bħala approċċ ġenerali, l-opportunitajiet tas-sajd proviżorji għall-Unjoni jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-parir tal-ICES għall-2021, u, għall-istokkijiet tal-baħar fond, għall-2022 ukoll, meta jkunu disponibbli. Jenħtieġ li dawn jikkorrispondu għas-sehem tal-Unjoni li ntlaħaq qbil dwaru skont il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni.
- (8) Bħala approċċ ġenerali, jenħtieġ li t-TACs proviżorji jiġu estiżi sal-31 ta' Lulju 2021 u jenħtieġ li jikkorrispondu għal proporzjon ta' seba' partijiet minn kull tnax jew għal 58.3 % tal-livell tal-qabdiet annwali irrakkomandat mill-ICES għall-2021 u, għall-istokkijiet tal-baħar fond, għall-2022 ukoll. F'ċerti każijiet, jenħtieġ li dawn jikkorrispondu għal dak il-proporzjon tal-pożizzjoni tal-Unjoni fil-konsultazzjonijiet li għaddejjin mar-Renju Unit kif definit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet mar-Renju Unit u kif speċifikat aktar f'konformità ma' dik id-Deċiżjoni.

- (9) Fil-prinċipju, dan il-livell jitqies bħala suffiċjenti għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni mill-inqas sal-31 ta' Lulju 2021, li huwa xahar wara d-data li fiha l-linji gwida għal stokkijiet speċjali jeħtieġ li jiġu miftiehma mar-Renju Unit.
- (10) Għal għadd limitat ta' stokkijiet, it-TACs proviżorji għandhom jikkorrispondu għal proporzjon oġġla tal-livell tal-qabdiet annwali rrakkomandat sabiex titqies l-istagġjonalità tal-attivitajiet tas-sajd għal daww l-istokkijiet.
- (11) Mingħajr preġudizzju għal, u b'kont meħud tan-nuqqas tal-linji gwida għal stokkijiet speċjali, it-TACs għal daww l-istokkijiet huma konsistenti mal-Artikolu 499 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
- (12) L-Unjoni, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, huma mistennija jikkonkludu ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli, peress li l-ftehim preċedenti skada fil-31 ta' Diċembru 2020. Għalhekk, il-Kunsill għandu jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd li jirriżultaw minn dak il-ftehim, b'kont meħud tal-iskambji tal-opportunitajiet tas-sajd ma' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li daww l-opportunitajiet tas-sajd ikunu effettivi mid-data tal-applikazzjoni proviżorja ta' dak il-Ftehim.
- (13) Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu minn kwalunkwe flessibbiltà bejn iż-żoni, interspeċi u interannwali applikabbli b'tali mod li jiżgura li l-livell ġenerali tal-qabdiet tal-Unjoni fl-2021 ma jaqbiżx is-sehem tal-Unjoni tal-livell massimu tat-TAC li l-Unjoni tista' tistabbilixxi skont il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni.

- (14) Filwaqt li jitqies il-proporzjon li jiġi applikat, l-użu tal-kwota, il-kondizzjonijiet għall-użu tal-flessibbiltajiet, kif ukoll kondizzjonijiet oħra stipulati fil-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 499(7) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, it-TACs proviżorji jirrispettaw l-ishma tal-Unjoni maqbula skont dak il-Ftehim, kif stabbilit fl-Annessi 35 u 36 tiegħu.
- (15) It-TACs proviżorji jikkonformaw ukoll mal-qafas legali applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 4, 5(3) u 8 tar-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u l-Artikoli 4, 5(3) u 7 tar-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill². Dawn huma bbażati fuq il-livell irrakkomandat mill-ICES, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni partikolari tal-istokkijiet maqbuda f'sajd imħallat li jistgħu jiġu affettwati minn sitwazzjonijiet ta' "kwoti limitanti", b'kont meħud tal-parir tal-ICES dwar is-sajd imħallat u dwar qabdiet inċidentali inevitabbli.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008, (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008, (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1).

- (16) Hemm ċerti stokkijiet li għalihom l-ICES ħareġ parir xjentifiku biex ma jsir ebda qbid. Jekk it-TACs għal daww l-istokkijiet jiġu stabbiliti fil-livell indikat fil-parir xjentifiku, l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha, inkluż qabdiet inċidentali minn daww l-istokkijiet, f'sajd imħallat iwassal għall-fenomeni ta' "speċijiet bi kwota limitanti". Sabiex jinstab il-bilanċ għust bejn il-kontinwazzjoni tas-sajd fid-dawl tal-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment severi, u l-ħtieġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għal daww l-istokkijiet, filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'rendiment massimu sostenibbli (MSY) fl-istess ħin, huwa xieraq li jiġu stabbiliti TACs speċifiċi għal qabdiet inċidentali għal daww l-istokkijiet. Il-livell ta' daww it-TACs jenħteġ li jkun b'tali mod li titnaqqas il-mortalità għal daww l-istokkijiet u li tipprovi inċentivi għal titjib fis-selettività u l-evitar tal-qabdiet ta' daww l-istokkijiet. Sabiex jitnaqqsu l-qabdiet tal-istokkijiet li għalihom jiġu stabbiliti t-TACs tal-qabdiet inċidentali, l-opportunitajiet tas-sajd għall-attivitajiet tas-sajd li fihom jinqabad il-ħut minn daww l-istokkijiet jenħteġ li jiġu stabbiliti fl-livelli li jgħinu biex il-bijomassa tal-istokkijiet vulnerabbli tirkupra għal livelli sostenibbli.
- (17) Jenħteġ li dawn l-opportunitajiet tas-sajd fl-ebda ċirkostanza ma jippreġudikaw l-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-eżitu tal-konsultazzjonijiet mar-Renju Unit, il-linji gwida dwar l-istokkijiet speċjali li għandu jintlaħaq qbil dwarhom mar-Renju Unit skont l-Artikolu 499(5) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u mal-qafas legali tal-Unjoni.

- (18) Skont il-parir xjentifiku, il-bijomassa ta' stokk riproduttiv tal-ispnott (*Dicentrarchus labrax*) fil-Baħar Ċeltiku, fil-Fliegu Ingliż, fil-Baħar Irlandiż u fin-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana (diviżjonijiet 4b, 4c, 7a, u 7d sa 7h tal-ICES) ilha tonqos mill-2009 u bħalissa hija inqas mill-MSY $B_{trigger}$ u ftit iktar mill- B_{lim} . Minħabba l-miżuri meħuda mill-Unjoni, il-mortalità mis-sajd naqset u bħalissa hija inqas mill-punt ta' valur tal- F_{MSY} . Madankollu, ir-reklutaġġ huwa baxx, u ilu jvarja mingħajr ma jiehū xejra sa mill-2008. Għalhekk, jenħtieġ li l-limiti tal-qbid ikomplu filwaqt li jiġi żgurat li l-mortalità mis-sajd fil-mira għal dan l-istokk tkun konformi mal-MSY.
- (19) Fir-Regolament (UE) 2021/92, it-TAC għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES, ġew stabbiliti għal zero sakemm jiġi ppubblikat il-parir xjentifiku rilevanti, ipprovdut mill-ICES, li sar disponibbli fil-25 ta' Frar 2021. Is-sajd għaċ-ċiċċirell, li huwa speċi b'ħajja qasira, jibda fl-1 ta' April, ftit wara l-pubblikazzjoni tal-parir xjentifiku.
- (20) Jenħtieġ li l-limiti tal-qbid taċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES jiġu emendati f'konformità mal-aħħar parir xjentifiku tal-ICES.
- (21) Ir-Regolament (UE) 2021/92 jistabbilixxi opportunitajiet preliminari tas-sajd għall-ewwel kwart tal-2021. Barra minn hekk, l-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi projbizzjoni mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2021 għall-bastimenti li jistadu għaċ-ċiċċirell bl-użu ta' ċertu rkaptu fis-subdiviżjonijiet 2a u 3a u fis-subżona 4 tal-ICES. Minħabba li dan ir-Regolament jistabbilixxi opportunitajiet tas-sajd għas-sena sħiħa tas-sajd, jenħtieġ li dik il-projbizzjoni tkopri wkoll il-perijodu bejn l-1 ta' Awwissu u l-31 ta' Diċembru 2021, l-istess bħas-sena 2020.

- (22) F'konformità mal-proċedura prevista fil-ftehimiet dwar ir-relazzjonijiet tas-sajd man-Norveġja u f'konformità mal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, l-Unjoni kellha konsultazzjonijiet trilaterali mar-Renju Unit u n-Norveġja u konsultazzjonijiet bilaterali man-Norveġja dwar id-drittijiet tas-sajd għall-istokkijiet. L-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw tal-Baħar tat-Tramuntana jenħtieġ li jiġu stabbiliti sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi tal-Unjoni u biex jiġi previst l-irkupru ta' dak l-istokk. F'konformità mal-proċedura prevista fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra u l-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu, il-Kumitat Konġunt stabbilixxa l-livell tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni fl-ilmijiet ta' Greenland fl-2021. Għalhekk, jenħtieġ li daww l-opportunitajiet tas-sajd jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.
- (23) L-Unjoni u r-Renju Unit qablu dwar l-ishma rispettivi tagħhom tat-TACs għal ċerti stokkijiet ġestita mill-ICCAT. Daww l-ishma huma stabbiliti fit-Tabella C tal-Anness 36 għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Jenħtieġ li t-tabelli rilevanti tal-opportunitajiet tas-sajd jiġu emendati sabiex jitqiesu daww l-ishma.
- (24) Il-limiti tal-isforzi għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT huma bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta fil-pjanijiet tas-sajd, tal-kapaċità tas-sajd u tat-trobbija għat-tonna kkomunikati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni. Daww il-limiti tal-isforzi tas-sajd huma rrapportati permezz tal-pjan tal-Unjoni approvat mill-ICCAT matul il-laqgħa intersessjonali tal-Bord 2 li saret fl-4 u l-5 ta' Marzu 2019. Jenħtieġ li dawn jiġu stabbiliti bħala parti mill-opportunitajiet tas-sajd taħt dan ir-Regolament.

- (25) Fid-disa' laqgħa annwali tagħha fl-2021, l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) adottat limiti ta' qbid ġodda għas-sawrell ikħal (*Trachurus murphyi*) u approvat sajd esploratorju għall-pixxisinna (*Dissostichus* spp.). Il-miżuri applikabbli jenħtieġ li jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.
- (26) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) 2021/91 u (UE) 2021/92 jiġu emendati skont dan.
- (27) Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolamenti (UE) 2021/91 u (UE) 2021/92 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet introdotti minn dan ir-Regolament li jikkonċernaw il-limiti tal-qbid, japplikaw ukoll minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati żdiedu jew għadhom ma ġewx eżawriti.
- (28) Fid-dawl tal-urġenza li jkomplu l-attivitajiet tas-sajd sostenibbli u li jibda l-istaġun tas-sajd għaċ-ċiċċirell fil-ħin fl-1 ta' April 2021, dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (UE) 2021/91

Ir-Regolament (UE) 2021/91 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 8(1), huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu f'tabella stabbilita fl-Anness għal dan ir-Regolament, l-oportunitajiet tas-sajd f'dik it-tabella huma proviżorji u għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Lulju 2021. Dawk l-oportunitajiet tas-sajd proviżorji għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-istabbiliment ta' oportunitajiet tas-sajd definittivi għall-2021 u l-2022, abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, u f'konformità mar-riżultati tan-negozjati u/jew konsultazzjonijiet internazzjonali, il-linji gwida dwar stokkijiet speċjali li għandhom jiġu miftiehma mar-Renju Unit, id-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u l-pjanijiet pluriennali rilevanti.”.

(2) Il-Parti 2 tal-Anness hija emendata f'konformità mal-Parti A tal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2
Emendar tar-Regolament (UE) 2021/92

Ir-Regolament (UE) 2021/92 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

1. Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu f'tabella stabbilita fl-Anness għal dan ir-Regolament, l-opportunitajiet tas-sajd f'dik it-tabella huma proviżorji u għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Lulju 2021. Dawk l-opportunitajiet tas-sajd proviżorji għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-istabbiliment ta' opportunitajiet tas-sajd definittivi għall-2021 u l-2022, abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, u f'konformità mar-risultati tan-negozjati u/jew konsultazzjonijiet internazzjonali, il-linji gwida dwar stokkijiet speċjali li għandhom jiġu miftiehma mar-Renju Unit, id-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u l-pjanijiet pluriennali rilevanti.”;

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"1a. L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu minn kwalunkwe flessibbiltà bejn iż-żoni, interspeċi u interannwali applikabbli b'tali mod li jiżgura li l-livell ġenerali tal-qabdiet tal-Unjoni fl-2021 ma jaqbiżx is-sehem tal-Unjoni tal-livell massimu proviżorju tat-TAC li l-Unjoni tista' tistabbilixxi skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra.'.

(2) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 7a

Applikazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' Greenland

Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu f'tabella tal-opportunitajiet tas-sajd fl-Anness IB, l-opportunitajiet tas-sajd f'dik it-tabella għandhom japplikaw mid-data tal-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, sal-31 ta' Diċembru 2021.'".

(3) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2 "31 ta' Marzu 2021" huwa sostitwit bi "31 ta' Lulju 2021;".

(b) fil-paragrafu 3 "31 ta' Marzu 2021" huwa sostitwit bi "31 ta' Lulju 2021;".

(4) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-kliem introduttorju tal-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. B'deroga mill-paragrafu 1, f'Jannar 2021 u mill-1 ta' April sal-31 ta' Lulju, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 7d, 7e, 7f u 7h tal-ICES jistgħu jistadu għall-ispnott, u jżommu, jittrażbordaw, jirrilokaw jew iħottu l-art l-ispnott maqbud f'dik iż-żona bl-irkapti li ġejjin u fil-limiti segwenti:";

(b) fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, "1,43" huwa sostitwit bi "3,32";

(c) fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, "0,35" huwa sostitwit bi "0.82";

(d) fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (5), "mill-1 sal-31 ta' Marzu" hija sostitwita b' "mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Lulju".

- (5) l-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 14

Staġuni magħluqa għas-sajd għaċ-ċiċċirell

Is-sajd kummerċjali għaċ-ċiċċirell bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni jew irkaptu simili rmunkat bid-daqs tal-malji inqas minn 16 mm, huwa pprojbit fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2021 u mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2021.”

- (6) fl-Artikolu 60, id-data "31 ta' Marzu 2021" hija sostitwita bid-data "31 ta' Lulju 2021".
- (7) l-Anness IA huwa emendat skont il-Parti B tal-Anness għal dan ir-Regolament.
- (8) l-Anness IB huwa emendat skont il-Parti C tal-Anness għal dan ir-Regolament.
- (9) l-Anness IC huwa emendat skont il-Parti D tal-Anness għal dan ir-Regolament.
- (10) l-Anness ID huwa emendat skont il-Parti E tal-Anness għal dan ir-Regolament.
- (11) l-Anness IH huwa emendat skont il-Parti F tal-Anness għal dan ir-Regolament.
- (12) il-Kapitolu III tal-Anness II huwa emendat skont il-Parti G tal-Anness għal dan ir-Regolament.
- (13) l-Anness VI huwa emendat skont il-Parti H tal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

PARTI A: Emendi għall-Parti 2 tal-Anness għar-Regolament (UE) 2021/91

Fil-Parti 2 tal-Anness għar-Regolament (UE) 2021/91, it-tabelli rilevanti tal-opportunitajiet tas-sajd huma sostitwiti b'dan li ġej:

“

Speċijiet:	Ċinturin iswed <i>Aphanopus carbo</i>	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 5, 6, 7 u 12 (BSF/56712-)
Sena	2021	TAC prekawzjonarja	
Il-Ġermanja	13	Japplika l-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament	
L-Estonja	6		
L-Irlanda	33		
Spanja	65		
Franza	922		
Il-Latvja	43		
Il-Litwanja	1		
Il-Polonja	1		
Pajjiżi oħrajn	3 ⁽¹⁾		
L-Unjoni	1 087		
Ir-Renju Unit	pm		
TAC	pm		
(1)	Għall-qabdiet inċidentali biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota. Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rapportati separatament (BSF/56712_AMS).		

Speċijiet:	Fonsa ħamra	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14 (ALF/3X14-)
	Beryx spp.		
Sena	2021	TAC	prekawzjonarja
L-Irlanda	4 ⁽¹⁾	Japplika l-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament	
Spanja	30 ⁽¹⁾		
Franza	8 ⁽¹⁾		
Il-Portugall	85 ⁽¹⁾		
L-Unjoni	127 ⁽¹⁾		
Ir-Renju Unit	pm ⁽¹⁾		
TAC	pm ⁽¹⁾		
(1)	Għall-qabdiet inċidentali biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota.		

Speċijiet:	Grenadier imnieħru tond Coryphaenoides rupestris	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 5b, 6 u 7 (RNG/5B67-)
Sena	2021	TAC	prekawzjonarja
Il-Ġermanja	3 ⁽¹⁾⁽²⁾	Japplika l-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament	
L-Estonja	22 ⁽¹⁾⁽²⁾		
L-Irlanda	99 ⁽¹⁾⁽²⁾		
Spanja	24 ⁽¹⁾⁽²⁾		
Franza	1 252 ⁽¹⁾⁽²⁾		
Il-Litwanja	29 ⁽¹⁾⁽²⁾		
Il-Polonja	15 ⁽¹⁾⁽²⁾		
Pajjiżi oħrajn	3 ⁽¹⁾⁽²⁾⁽³⁾		
L-Unjoni	1 447 ⁽¹⁾⁽²⁾		
Ir-Renju Unit	pm ⁽¹⁾⁽²⁾		
TAC	pm ⁽¹⁾⁽²⁾		
(1)	Fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk internazzjonali taż-żoni 8, 9, 10, 12 u 14 jista' jinqabad ammont massimu ta' 10 % minn kull kwota (RNG/*8X14 - għall-grenadier imnieħru tond;		
	RHG/*8X14- għall-qabdiet inċidentali tal-grenadier rasu raffa).		
(2)	Mhu permess l-ebda sajd dirett tal-grenadier rasu raffa. Il-qabdiet aċċessorji tal-grenadier rasu raffa (RHG/5B67-) għandhom jinqatgħu minn din il-kwota.		
	Dawn ma għandhomx jaqbżu l-1 % tal-kwota.		
(3)	Għall-qabdiet inċidentali biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett. Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rapportati separatament (RNG/5B67_AMS għall-grenadier imnieħru tond; RHG/5B67_AMS għall-grenadier rasu raffa).		

Speċijiet:	Grenadier imnieħru tond Coryphaenoides rupestris	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 8, 9, 10, 12 u 14 (RNG/8X14-)
Sena	2021	TAC	prekawzjonarja
Il-Ġermanja	(1)(2) 5	Japplika l-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament	
L-Irlanda	1 (1)(2)		
Spanja	526 (1)(2)		
Franza	24 (1)(2)		
Il-Latvja	9 (1)(2)		
Il-Litwanja	1 (1)(2)		
Il-Polonja	165 (1)(2)		
L-Unjoni	731 (1)(2)		
Ir-Renju Unit	pm (1)(2)		
TAC	pm (1)(2)		
(1)	Fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk internazzjonali taż-żoni 5b, 6 u 7 jista' jiġi mistad ammont massimu ta' 10 % minn kull kwota (RNG/*5B67- għall-grenadier imnieħru tond; RHG/*5B67- għall-qabdiet inċidentali tal-grenadier rasu raffa).		
(2)	Mhu permess l-ebda sajd dirett tal-grenadier rasu raffa. Il-qabdiet aċċessorji tal-grenadier rasu raffa (RHG/8X14-) għandhom jinqatgħu minn din il-kwota. Dawn ma għandhomx jaqbżu l-1 % tal-kwota.		

Speċijiet:	Paġella ħamra	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 6, 7 u 8 (SBR/678-)
	Pagellus bogaraveo		
Sena	2021	TAC prekawzjonarja	
L-Irlanda	2	(1)	Japplika l-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament
Spanja	49	(1)	
Franza	2	(1)	
Pajjiżi oħrajn	2	(1)(2)	
L-Unjoni	55	(1)	
Ir-Renju Unit	pm	(1)	
TAC	pm	(1)	
(1)	Għall-qabdiet inċidentali biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota.		
(2)	Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rrapportati separatament (SBR/678_AMS).		

Speċijiet:	Paġella ħamra	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 10 (SBR/10-)
	Pagellus bogaraveo		
Sena	2021	2022	TAC prekawzjonarja
Spanja	5	5	
Il-Portugall	600	600	
L-Unjoni	605	605	
Ir-Renju Unit	pm	pm	
TAC	pm	pm	

“.

PARTI B: Emendi għall-Anness IA tar-Regolament (UE) 2021/92

Fl-Anness IA għar-Regolament (UE) 2021/92, it-tabelli rilevanti tal-opportunitajiet tas-sajd huma sostitwiti b'dan li ġej:

“

Speċijiet:	Ċićirell u qabdiet inċidentali marbutin miegħu <i>Ammodytes</i> spp.	Żona:	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3a u 4(1)
Id-Danimarka	95 295 ⁽²⁾⁽³⁾	TAC analitika	
Il-Ġermanja	146 ⁽²⁾⁽³⁾	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
L-Iżvezja	3 499 ⁽²⁾⁽³⁾	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
L-Unjoni	98 940 ⁽²⁾		
Ir-Renju Unit	pm ⁽²⁾⁽³⁾		
TAC	pm ⁽²⁾		
(1)	Minbarra l-ilmijiet li jinsabu sa sitt mili nawtiċi mil-linji bażi tar-Renju Unit f'Shetland, f'Fair Isle u f'Foula.		
(2)	Fiż-żoni ta' ġestjoni 1r u 2r, it-TAC tista' tiġi mistada biss bħala TAC ta' monitoraġġ bi protokoll ta' kampjunar assoċjat għas-sajda.		
(3)	Sa 2 % tal-kwota tista' tkun qabdiet inċidentali tal-merlangu u tal-kavalli (OT1/*2A3A4X). Flimkien, il-qabdiet inċidentali tal-merlangu u tal-kavalli li jingħaddu mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet inċidentali tal-ispeċijiet li jingħaddu mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbu 9 % tal-kwota.		

Kondizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti msemmin hawn fuq, fiż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell li ġejjin, kif iddefiniti fl-Anness III, ma jistgħux jinqabdu iktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt:

Żona: l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni
ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell

	1r	2r	3r	4	5r	6	7r
	(SAN/234_1R)	(SAN/234_2R)	(SAN/234_3R)	(SAN/234_4)	(SAN/234_5R)	(SAN/234_6)	(SAN/234_7R)
Id-Danimarka	5 154	4 717	12 175	73 117	0	132	0
Il-Ġermanja	8	7	19	112	0	0	0
L-Iżvezja	189	173	447	2 685	0	5	0
L-Unjoni	5 351	4 897	12 641	75 914	0	137	0
Ir-Renju Unit	pm	pm	pm	pm	0	pm	0
Total	pm	pm	pm	pm	0	pm	0

Speċijiet:	Arġentina silus <i>Arġentina silus</i>	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni u daww internazzjonali taż-żoni 1 u 2 (ARU/1/2.)
Il-Ġermanja	9	TAC prekawzjonarja	
Franza	3	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament	
In-Netherlands	8		
L-Unjoni	20		
Ir-Renju Unit	pm		
TAC	pm		

Speċijiet:	Arġentina silus <i>Arġentina silus</i>	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni taż- żoni 3a u 4 (ARU/3A4-C)
Id-Danimarka	418	TAC	prekawzjonarja
Il-Ġermanja	4	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir- Regolament	
Franza	3		
L-Irlanda	3		
In-Netherlands	20		
L-Iżvezja	16		
L-Unjoni	464		
Ir-Renju Unit	pm		
TAC	pm		
Speċijiet:	Arġentina silus <i>Arġentina silus</i>	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 5, 6 u 7 (ARU/567.)
Il-Ġermanja	165	TAC	prekawzjonarja
Franza	3	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir- Regolament	
L-Irlanda	153		
In-Netherlands	1 725		
L-Unjoni	2 046		
Ir-Renju Unit	pm		
TAC	pm		

Speċijiet:	Brożmju	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2 u 14 (USK/1214EI)
	<i>Brosme brosmes</i>		
Il-Ġermanja	pm ⁽¹⁾	TAC	prekawzjonarja
Franza	pm ⁽¹⁾	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament	
Pajjiżi oħrajn	pm ⁽¹⁾⁽²⁾		
L-Unjoni	pm ⁽¹⁾		
Ir-Renju Unit	pm ⁽¹⁾		
TAC	pm		
(1)	Għall-qabdiet inċidentali biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota.		
(2)	Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rapportati separatament (USK/1214EI_AMS).		

Speċijiet:	Brożmju	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni taż- żona 4 (USK/04-C.)
	<i>Brosme brosmē</i>		
Id-Danimarka	40	TAC prekawżjonarja	
Il-Ġermanja	12	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir- Regolament	
Franza	27	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir- Regolament	
L-Iżvezja	4		
Pajjiżi oħrajn	4 ⁽¹⁾		
L-Unjoni	87		
Ir-Renju Unit	pm		
TAC	pm		
(1)	Għall-qabdiet inċidentali biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il- kwota. Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rapportati separatament (USK/04-C_AMS).		

Speċijiet:	Brożmju	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 5, 6 u 7 (USK/567EI.)				
	<i>Brosme brosmes</i>						
Il-Ġermanja	35	TAC prekawzjonarja					
Spanja	121						
Franza	1 441	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament					
L-Irlanda	139	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament					
Pajjiżi oħrajn	35 ⁽¹⁾						
L-Unjoni	1 771						
In-Norveġja	0 ⁽²⁾⁽³⁾⁽⁴⁾⁽⁵⁾						
Ir-Renju Unit	pm						
TAC	pm						
(1)	Għall-qabdiet inċidentali biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota. Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rapportati separatament (USK/567EI_AMS).						
(2)	Din il-kwota trid tinqabad fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 4, 5b, 6 u 7 (USK/*24X7C).						
(3)	Kundizzjoni speċjali: li biha tkun awtorizzata qabda inċidentali ta' speċijiet oħra ta' 25 % għal kull bastiment, fi kwalunkwe waqt, f'5b, 6 u 7. Madankollu, dan il-perċentwal jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara li jibda s-sajd f' post għas-sajd partikulari. Il-qabdiet inċidentali totali ta' speċijiet oħra li jsiru f'5b, 6 u 7 ma għandhomx jaqbżu l-ammont f'tunnellati ta' hawn taħt. (OTH/*5B67-). Il-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw taħt din id-dispożizzjoni li jsiru fiż-żona 6a ma għandhomx ikunu ta' iktar minn 5 %.						
	3 000						
(4)	Inkluż il-lipp. Il-kwoti li ġejjin għan-Norveġja għandhom jinqabdu biss bil-konżizzjiet f'5b, 6 u 7:						
	<table><tr><td>Lipp (USK/*5B67-)</td><td>0</td></tr><tr><td>Lipp (USK/*5B67-)</td><td>0</td></tr></table>			Lipp (USK/*5B67-)	0	Lipp (USK/*5B67-)	0
Lipp (USK/*5B67-)	0						
Lipp (USK/*5B67-)	0						
(5)	Il-kwoti tan-Norveġja għal-lipp u għall-brożmju huma interkambjabbli sal-kwantità li ġejja, f'tunnellati:						
	pm						

Speċijiet:	Brożmju	Żona:	l-ilmijiet Norveġiżi taż- żona 4 (USK/04-N.)
	<i>Brosme brosmes</i>		
Il-Belġju	0	TAC prekawżjonarja	
Id-Danimarka	75	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar- Regolament (KE) Nru 847/96	
Il-Ġermanja	0	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar- Regolament (KE) Nru 847/96	
Franza	0		
In-Netherlands	0		
L-Unjoni	75		
TAC	Mhux rilevanti		
Speċijiet:	Pixxi trumbetti	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni u dawg internazzjonali taż-żoni 6, 7 u 8 (BOR/678-)
	<i>Caproidae</i>		
Id-Danimarka	2 740	TAC prekawżjonarja	
L-Irlanda	7 715	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir- Regolament	
L-Unjoni	10 455		
Ir-Renju Unit	pm		
TAC	pm		

Speċijiet:	Aringa ⁽¹⁾ <i>Clupea harengus</i>	Żona:	3a (HER/03A.)
Id-Danimarka	9 080 ⁽²⁾	TAC analitika	
Il-Ġermanja	145 ⁽²⁾	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament	
L-Iżvezja	9 498 ⁽²⁾		
L-Unjoni	18 723 ⁽²⁾		
In-Norveġja	2 881		
Il-Gżejjer Faeroe	pm	pm	
TAC	21 604		
(1)	Il-qabdiet tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bix-xbieki b'daq tal-malja ta' 32 mm jew iktar.		
(2)	Kundizzjoni speċjali: sa 50 % ta' din il-kwantità tista' tinqabad fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 4 (HER/*04-C.).		

Speċijiet:	Aringa ⁽¹⁾	Żona:	I-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53°30' N (HER/4AB.)
	<i>Clupea harengus</i>		
Id-Danimarka	49 993	TAC analitika	
Il-Ġermanja	33 852	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament	
Franza	18 838		
In-Netherlands	46 381		
L-Iżvezja	3 449		
L-Unjoni	152 513		
Il-Gżejjer Faeroe	pm		
In-Norveġja	103 344 ⁽²⁾		
Ir-Renju Unit	61 301		
TAC	356 357		
(1)	Il-qabdiet tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' 32 mm jew iktar.		
(2)	Il-qabdiet li jinqabdu fil-kuntast ta' din il-kwota jridu jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja. Fil-limitu ta' din il-kwota, fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 4a u 4b (HER/*4AB-C) ma tistax tinqabad iktar mill-kwantità mniżżla hawn taħt.		
	3000		
Kundizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti msemmin hawn fuq, l-Unjoni ma tistax taqbad iktar mill-kwantitajiet imniżżlin hawn taħt fl-ilmijiet Norveġiżi li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 62°N.			
I-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62°N (HER/*4N-S62)			
L-Unjoni	3 000		

Speċijiet:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona:	l-ilmijiet Norveġiżi li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 62°N (POK/4N-S62)
L-Iżvezja	878 ⁽¹⁾	TAC analitika	
L-Unjoni	878	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
TAC	356 357		
(1)	Il-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-pollakkju, tal-merlangu u tal-pollakkju l-iswed iridu jinqatgħu mill-kwota ta' dawn l-ispeċijiet.		
Speċijiet:	Aringa ⁽¹⁾ <i>Clupea harengus</i>	Żona:	3a (HER/03A-BC)
Id-Danimarka	5 692 ⁽²⁾	TAC analitika	
Il-Ġermanja	51 ⁽²⁾	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament	
L-Iżvezja	916 ⁽²⁾		
L-Unjoni	6 659 ⁽²⁾		
TAC	6 659 ⁽²⁾		
(1)	Għall-qabdiet tal-aringi li jinqabdu bħala qabdiet inċidentali fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' inqas minn 32 mm biss.		
(2)	Kundizzjoni speċjali: sa 50 % ta' din il-kwota tista' tinqabad fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 4 (HER/*04-C-BC).		

Speċijiet:	Aringa ⁽¹⁾	Żona:	4 u 7d u l-ilmijiet tal-Unjoni taż- żona 2a (HER/2A47DX)
	<i>Clupea harengus</i>		
Il-Belġju	38	TAC analitika	
Id-Danimarka	7 421	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir- Regolament	
Il-Ġermanja	38		
Franza	38		
In-Netherlands	238		
L-Iżvezja	36		
L-Unjoni	7 609		
Ir-Renju Unit	141		
TAC	7750		
(¹)	Esklużivament għall-qabdiet tal-aringi li jinqabdu bħala qabdiet inċidentali fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' inqas minn 32 mm biss.		

Speċijiet:	Aringa ⁽¹⁾ <i>Clupea harengus</i>	Żona: 4c, 7d(2) (HER/4CXB7D)
Il-Belġju	8 257 ⁽³⁾	TAC analitika
Id-Danimarka	668 ⁽³⁾	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament
Il-Ġermanja	452 ⁽³⁾	
Franza	9 274 ⁽³⁾	
In-Netherlands	16 142 ⁽³⁾	
L-Unjoni	34 793 ⁽³⁾	
Ir-Renju Unit	pm ⁽³⁾	
TAC	356 357	
(1)	Għall-qabdiet tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' 32 mm jew iktar biss.	
(2)	Ħlief għall-istokk tal-Blackwater: ir-referenza hija għall-istokk tal-aringi fir-reġjun marittimu tal-estwarju tat-Thames f'żona delimitata minn linja rombu lejn in-Nofsinhar minn Landguard Point (51° 56' N, 1° 19,1' E) sal-litudni 51° 33' N u minn hemm lejn il-Punent sa punt fuq il-kosta tar-Renju Unit.	
(3)	Kundizzjoni speċjali: sa 50 % ta' din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona 4b (HER/*04B.).	

Speċijiet:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 5b, 6b u 6aN(1) (HER/5B6ANB)
Il-Ġermanja	206 ⁽²⁾	TAC	prekawzjonarja
Franza	39 ⁽²⁾	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
L-Irlanda	278 ⁽²⁾	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
In-Netherlands	206 ⁽²⁾	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament	
L-Unjoni	729 ⁽²⁾		
Ir-Renju Unit	pm ⁽²⁾		
TAC	pm		
(1)	Ir-referenza hija għall-istokk tal-aringi fil-parti taż-żona 6a tal-ICES li tinsab fil-Lvant tal-meridjan tal-lonġitudni 7°W u fit-Tramuntana tal-parallel tal-latitudni 55°N, jew fil-Punent tal-meridjan tal-lonġitudni 7°W u fit-Tramuntana tal-parallel tal-latitudni 56°N, minbarra x-xmara Clyde.		
(2)	Għandu jiġi pprojbit is-sajd għall-aringi fil-parti taż-żoni tal-ICES li għaliha tapplika din it-TAC u li tinsab bejn 56°N u 57°30' N, minbarra f'faxxa ta' sitt mili nawtiċi mkejla mil-linja bażi tal-baħar territorjali tar-Renju Unit.		

Speċijiet:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona: 6aS(1), 7b, 7c (HER/6AS7BC)
L-Irlanda	721	TAC prekawzjonarja
In-Netherlands	72	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96
L-Unjoni	793	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament
TAC	793	
(1)	Ir-referenza hija għall-istokk tal-aringi fiż-żona 6a li tinsab fin-Nofsinhar ta' 56°00' N u fil-Punent ta' 07°00' W.	
Speċijiet:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona: 7a(1) (HER/07A/MM)
L-Irlanda	471	TAC analitika
L-Unjoni	471	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament
Ir-Renju Unit	pm	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament
TAC	pm	
(1)	Minn din iż-żona titnaqqas iż-żona delimitata: - mil-latitudni 52°30' N fit-Tramuntana, - mil-latitudni 52°00' N fin-Nofsinhar, - mill-kosta tal-Irlanda fil-Punent, - mill-kosta tar-Renju Unit fil-Lvant.	

Speċijiet:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona: 7e u 7f (HER/7EF.)
Franza	271	TAC prekawzjonarja
L-Unjoni	271	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament
Ir-Renju Unit	pm	
TAC	pm	

Speċijiet:	Aringa <i>Clupea harengus</i>	Żona: 7g(1), 7h(1), 7j(1) u 7k(1) (HER/7G-K.)
Il-Ġermanja	6 ⁽²⁾	TAC analitika
Franza	31 ⁽²⁾	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament
L-Irlanda	437 ⁽²⁾	
In-Netherlands	31 ⁽²⁾	
L-Unjoni	505 ⁽²⁾	
Ir-Renju Unit	pm ⁽²⁾	
TAC	pm ⁽²⁾	
(1)	Ma' din iż-żona tiżdied iż-żona delimitata: - mil-latitudni 52°30' N fit-Tramuntana, - mil-latitudni 52°00' N fin-Nofsinhar, - mill-kosta tal-Irlanda fil-Punent, - mill-kosta tar-Renju Unit fil-Lvant.	
(2)	Din il-kwota tista' tiġi allokata biss lil bastimenti li jipparteċipaw fis-sajd sentinella biex jippermettu għbir ta' data bbażat fuq is-sajd għal dan l-istokk kif ivvalutat mill-ICES. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkomunikaw l-isem jew l-ismijiet tal-bastimenti lill-Kummissjoni qabel ma jippermettu l-qabdiet.	

Speċijiet:	Bakkaljaw	Żona:	L- Iskagerrak (COD/03AN.)
	<i>Gadus morhua</i>		
Il-Belġju	5	TAC analitika	
Id-Danimarka	1 515		
Il-Ġermanja	38		
In-Netherlands	9		
L-Iżvezja	265		
L-Unjoni	1 832		
TAC	1 893		

Speċijiet:	Bakkaljaw <i>Gadus morhua</i>	Żona:	4; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 2a; il-parti taż-żona 3a li mhix koperta mill-Iskagerrak u mill-Kattegat (COD/2A3AX4)
Il-Belġju	347 ⁽¹⁾	TAC analitika	
Id-Danimarka	1 993		
Il-Ġermanja	1 263		
Franza	428 ⁽¹⁾		
In-Netherlands	1 126 ⁽¹⁾		
L-Iżvezja	13		
L-Unjoni	5 170		
In-Norveġja	2 252 ⁽²⁾		
Ir-Renju Unit	5 824 ⁽¹⁾		
TAC	13 246		
⁽¹⁾	Kundizzjoni speċjali: li biha sa 5 % jistgħu jinqabdu fi: 7d (COD/*07D.).		
⁽²⁾	Din il-kwota tista' tinqabad fl-ilmijiet tal-Unjoni. Il-qabdiet li jinqabdu fil-kuntest ta' din il-kwota jridu jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja.		
Kundizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt f'din iż-żona:			
l-ilmijiet Norveġiżi taż-żona 4 (COD/*04N-)			
L-Unjoni	4 494		

Speċijiet:	Bakkaljaw <i>Gadus morhua</i>	Żona: l-ilmijiet Norveġiżi li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 62°N (COD/4N-S62)
L-Iżvezja	382 ⁽¹⁾	TAC analitika
L-Unjoni	382	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96
TAC	Mhux rilevanti	
(1)	Il-qabdiet inċidentali tal-merluzz tal-linja sewda, tal-pollakkju, tal-merlangu u tal-pollakkju l-iswed iridu jingħaddu mal-kwota ta' dawn l-ispeċijiet.	
Speċijiet:	Bakkaljaw <i>Gadus morhua</i>	Żona: 6b; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5b fil-Punent ta' 12°00' W kif ukoll dawk taż-żoni 12 u 14 (COD/5W6-14)
Il-Belġju	0	TAC prekawzjonarja
Il-Ġermanja	0	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament
Franza	1	
L-Irlanda	2	
L-Unjoni	3	
Ir-Renju Unit	pm	
TAC	pm	

Speċijiet:	Bakkaljaw	Żona:	6a; l-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5b li jinsabu fil-Lvant ta' 12°00' W (COD/5BE6A)
	<i>Gadus morhua</i>		
Il-Belġju	1 ⁽¹⁾	TAC analitika	
Il-Ġermanja	7 ⁽¹⁾		
Franza	76 ⁽¹⁾	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
L-Irlanda	142 ⁽¹⁾	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
L-Unjoni	226 ⁽¹⁾	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament	
Ir-Renju Unit	pm ⁽¹⁾	Japplika l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament	
TAC	pm ⁽¹⁾		
(1)	Għall-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw fis-sajd għal speċijiet oħra biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett għall-bakkaljaw fil-kuntest ta' din il-kwota.		
Speċijiet:	Bakkaljaw	Żona:	7a
	<i>Gadus morhua</i>		(COD/07A.)
Il-Belġju	1 ⁽¹⁾	TAC prekawzjonarja	
Franza	3 ⁽¹⁾	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament	
L-Irlanda	49 ⁽¹⁾		
In-Netherlands	1 ⁽¹⁾		
L-Unjoni	54 ⁽¹⁾		
Ir-Renju Unit	pm ⁽¹⁾		
TAC	pm ⁽¹⁾		
(1)	Għall-qabdiet inċidentali biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota.		

Speċijiet:	Bakkaġjaw <i>Gadus morhua</i>	Żona: 7b, 7c, 7e-k, 8, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tas-CECAF (COD/7XAD34)
Il-Belġju	7 ⁽¹⁾	TAC analitika
Franza	114 ⁽¹⁾	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96
L-Irlanda	166 ⁽¹⁾	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96
In-Netherlands	0 ⁽¹⁾	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament
L-Unjoni	287 ⁽¹⁾	Japplika l-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament
Ir-Renju Unit	pm ⁽¹⁾	
TAC	pm ⁽¹⁾	
(1)	Għall-qabdiet inċidentali tal-bakkaġjaw fis-sajd għal speċijiet oħra biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett għall-bakkaġjaw fil-kuntest ta' din il-kwota.	
Speċijiet:	Bakkaġjaw <i>Gadus morhua</i>	Żona: 7d (COD/07D.)
Il-Belġju	33 ⁽¹⁾	TAC analitika
Franza	648 ⁽¹⁾	
In-Netherlands	19 ⁽¹⁾	
L-Unjoni	700 ⁽¹⁾	
Ir-Renju Unit	pm ⁽¹⁾	
TAC	pm	
(1)	Kundizzjoni speċjali: li biha sa 5 % jistgħu jinqabdu fi: 4; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 2a; dik il-parti taż-żona 3a li mhix koperta mill-Iskagerrak u mill-Kattegat (COD/*2A3X4).	

Speċijiet:	Megrims <i>Lepidorhom bus spp.</i>	Żona:	l-ilmijiet tal-Unjoni taż- żoni 2a u 4 (LEZ/2AC4-C)
Il-Belġju	5	TAC analitika	
Id-Danimarka	4	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir- Regolament	
Il-Ġermanja	4	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir- Regolament	
Franza	24		
In-Netherlands	19		
L-Unjoni	56		
Ir-Renju Unit	pm		
TAC	pm		
Speċijiet:	Megrims <i>Lepidorhombus spp.</i>	Żona:	fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 5b; 6; l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 12 u 14 (LEZ/56-14)
Spanja	308	TAC analitika	
Franza	1 204 ⁽¹⁾	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir- Regolament	
L-Irlanda	352	Japplika l-Artikolu 7(1) ta' dan ir- Regolament	
L-Unjoni	1 864		
Ir-Renju Unit	pm ⁽¹⁾		
TAC	pm		
⁽¹⁾	Kundizzjoni speċjali: li biha sa 5 % jistgħu jinqabdu fi: l-ilmijiet tal-Unjoni taż- żoni 2a u 4 (LEZ/*2AC4C).		

Speċijiet:	Megrims <i>Lepidorhom bus spp.</i>	Żona: 7 (LEZ/07.)
Il-Belġju	274 ⁽¹⁾	TAC analitika
